MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 332/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christopher Fenech**
**Dieter Fenech**
**Norbert Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christopher Fenech, Dieter Fenech u Norbert Fenech talli naqsu li jhallsu il-paga, leave u bonus, kollha duvuti lill-ex impjegat taghhom, John Scicluna, fit-tmiem tieghu fis-somma ta' Lm2018.96.

Il-Qorti giet mitluba li tordna lill-imsemmijin Christopher Fenech, Dieter Fenech u Norbert Fenech li jhallsu lill-

persuna fuq indikata l-ammont imsemmi ghar-ragunijiet specifikati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Settembru 2007, li permezz taghha ddikjarat l-imputazzjoni preskritta;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fid-9 ta’ Ottubru 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lil Christopher Fenech, Dieter Fenech u Norbert Fenech hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u tinfliggi piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali jikkonsisti filli l-ewwel Qorti ma kellhiex tillibera lill-appellati mill-imputazzjoni fuq bazi ta’ preskrizzjoni stante li l-perijodu sabiex din l-imputazzjoni tkun preskritta ma kienx ghadu ghadda.

Issa, ma hemmx kwistjoni li l-perijodu preskrittiv f’dan il-kaz huwa ta’ sena skond l-artikolu 47(1) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta. Miz-zewg riferti esebiti jirrizulta li l-appellat Norbert Fenech gie notifikat fit-28 ta’ Frar 2007 u l-appellat Dieter Fenech gie notifikat fit-12 ta’ Marzu 2007. Dwar l-appellat Christopher Fenech ma hemm l-ebda riferta. Pero`, fis-seduta tas-26 ta’ Settembru 2007 quddiem l-ewwel Qorti d-difiza ddikjarat li l-appellati (allura imputati) gew notifikati bic-citazzjoni li harget fis-26 ta’ Frar 2007. Il-punt dibattibbi pero` huwa minn meta beda jiddekorri l-perijodu tal-preskrizzjoni, u cioe` hux mid-data tat-temm ta’ l-impjieg ta’ John Scicluna fit-30 ta’ Settembru 2005, jew, kif qieghed isostni l-Avukat Generali, mid-data tas-16 ta’ Awissu 2006, id-data li fiha spicca l-*injury leave* ta’ l-istess John Scicluna. Skond l-Avukat Generali, in vista ta’ dak li jipprovdi l-artikolu

36(15) tal-Kap. 452, ir-reat kien ghadu ma giex kommess fit-30 ta' Settembru 2005.

Ma jirrizultax li hemm qbil bejn il-partijiet dwar l-*injury* ta' l-imsemmi John Scicluna. Mill-korrispondenza esebita quddiem l-ewwel Qorti fil-fatt jidher li l-appellati qeghdin jikkontestaw li l-imsemmi Scicluna wegga' fuq il-post tax-xoghol. Fit-*Termination Form* ta' l-ETC fil-fatt gie ndikat mill-appellati li r-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impjieg kien *"Abandonment of Employment"*. Izda jekk verament Scicluna wegga' fuq il-post tax-xoghol – u mid-dokumentazzjoni tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali jirrizulta li l-kaz kien qieghed jigi trattat bhala wiehed ta' korriment fuq ix-xoghol – il-fatt li l-appellati tterminawlu x-xoghol qabel ma kellhom id-dritt jaghmlu dan ifisser li huma kisru l-ligi – allura, kuntrarjament ghal dak li qal l-Avukat Generali, ikkommettew reat – u kellhom l-obbligu li minnufih u bla ebda indugju jaghmlu l-hlasijiet kollha dovuti mal-licenzjament tal-impjegat.

Kien fit-30 ta' Settembru 2005 li intemmet kull relazzjoni kontrattwali naxxenti mill-kuntratt ta' servizz bejn l-appellati u l-impjegat taghhom u kien proprju f'din id-data li kellu jsir il-hlas kollu dovut u li, ladarba ma sarx, gie kkunsmat ir-reat istantanju li jiffigura fl-imputazzjoni. Il-prosekuzzjoni kienet taf li l-appellati kienu temmew ix-xoghol ta' John Scicluna. Kienet taf li l-appellati kienu qed jikkontestaw il-fatt li Scicluna wegga' fuq il-post tax-xoghol. Kienet taf ukoll illi Scicluna kien baqa' jitqies mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali bhala persuna li weggghet fuq il-post tax-xoghol u li baqghet issofri minn dizabilita`. Ghalhekk ma kellhiex ghalfejn tistenna aktar minn sitt xhur wara li kien spicca l-perijodu ta' *injury leave* biex tipprocedi kontra l-appellati.

Ghalhekk, u in vista tal-fatt li l-komparixxi giet notifikata lill-appellati aktar minn sena wara t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' John Scicluna – il-komparixxi sahansitra nharget fis-26 ta' Frar 2007 – l-azzjoni hija preskritta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell ta’ l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------